**KUNSILL LOKALI San Pawl il-Baħar**

**San Pawl il-Baħar Local Council**

*Triq San Pawl, San Pawl il-Baħar, SPB 3418 – Malta.*
*Tel: 21585888, 21585801, 21570869 / 70*
*Mobile: 99433058 / 9 Fax: 21583058*
*E-Mail: sanpawlil-bahar.lc@gov.mt*
*Web Site: www.stpaulsbay-online.com*

**Minuti tal-Kontinwazjoni tas-Sebgħa u Tletin (37) Laqgħa tas-Sitt (6) Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar li saret nhar il-Erbgħa 2 ta' Marzu, 2011 fl-Uffiċċju Amministrattiv ta' l-istess Kunsill Lokali fil-5.30 ta' filgħaxija.**

Il-Laqgħa bdiet fil-5.30 ta' filgħaxija.

Il-Kunsilliera kienu preżenti kif jidher hawn taħt.

| | Ħin Dħul | Ħin Ħruġ |
|---|---|---|
| Sindku Perit Graziella Galea | 5.30 p.m. | 6.45 p.m. |
| Viċi Sindku John Bray | Skużat | |
| Kunsillier Alfred Grima | Assenti | Imsiefer |
| Kunsillier Ray Tabone | 5.30 p.m. | 6.45 p.m. |
| Kunsillier Alexander Bezzina | 5.30 p.m. | 6.45 p.m. |
| Kunsillier Jason Camilleri | Skużat | |
| Kunsillier Frank Gauci | 5.30 p.m. | 6.45 p.m. |
| Kunsillier Peter Abela | Skużat | Indispost |
| Kunsillier Martin Zerafa | 5.45 p.m. | 6.45 p.m. |
| Kunsillier Ray Bartolo | 5.30 p.m. | 6.45 p.m. |
| Kunsillier Mario Camilleri | 5.30 p.m. | 6.45 p.m. |

Is-Sindku mexxiet il-Laqgħa tal-Kunsill.

Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sur John J. Camilleri kien preżenti għall-laqgħa.

**1.00 Rapport miċ-Chairperson tal-Kumitat Amministrattiv Burmarrad**

1.01 Il-Kunsillier u Chairperson tal-Kumitat Amministrattiv Burmarrad, is-Sur Raymond Bartolo ta rendikont ta' deċiżjonijiet li ttieħdu mill-Kumitat Amministrattiv Burmarrad u talab l-approvazzjoni tal-Kunsill Lokali.

Huwa semma dawn id-deċiżjonijiet tal-Kumitat:

a) Pjan ta' twessieħ tal-bankina ta' quddiem Bonnici Stores f'Burmarrad.
b) Proposta ta' aktar dwal fil-pjazza ta' quddiem il-Knisja ta' Burmarrad.
c) Stallazjoni ta' *Welcome Board* tal-Wardija sponsorjata mill-HSBC u pjan ta' tliet *Welcome Boards* oħra (tnejn għal Burmarrad u oħra għal Wardija). Dawn ta' l-aħħar jekk ma jinstabx sponsor ser isiru mill-fondi tal-Kumitat.
d) Qed isir studju dwar fejn tista' tinbena latrina pubblika f'Burmarrad minflok il-*Mobile Toilet*.

e) Xogħolijiet fiż-żona ta' San Pawl Milqi.
f) Ser isir xogħol ta' *patching* ta' toroq fil-Wardija.
g) Hemm proposta li jsiru 2 *solar-signs* li jindikaw limitu massimu ta' 45 kilometri sewqan.

Il-Kunsill Lokali approva dawn l-inizjattivi tal-Kumitat Amministrattiv Burmarrad.

**2.0 Aġġornamenti**

**2.01** Is-Sindku, il-Perit Graziella Galea, talbet u ġie approvat li jinxtara *PA System* għall-bżonnijiet li jkollu l-Kunsill Lokali bħall-okkażjoni taż-żjara tal-President tar-Repubblika, u attivitajiet oħra. Il-Kunsill qabel li tinxtara *PA System* li tkun tinkludi żewġ *wireless micraphones*, u ieħor bil-*cable.*

Is-Sindku nfurmat ukoll li kien hemm proposti minn diversi residenti li l-*one*-way fi Triq San Ġilardu tinbidel minn dik li hemm fil-pjanti tal-proġett u li minflok issir *one-way* mit-Torri lejn Terragon Restaurant. Il-Kunsill qabel.

Is-Sindku qalet li kienet irċeviet xi korrispondenza li kien hemm bżonn tittieħed deċiżjoni fuqhom:

1) Ittra sabiex issir Charity Ride fl-20 ta' Marzu, 2011. Din ġiet approvata bil-kundizzjonijiet tas-soltu.
2) Talba biex il-Kunsill jikkollabora biex tiġi organizzata *Power Boat Competition* fil-bajja ta' Bugibba bħal ma' saret fi snin oħra. Il-Kunsill qabel li jagħti sehemu billi jipprovdi Trophies għar-rebbbieħa.
3) Ittra mingħand l-avukat ta' Casa Serena dwar sfrundar tal-bankina quddiem Casa Serena. Il-Kunsill qabel li din tgħaddi għand l-avukat tal-Kunsill, Dr. John Bonello għar-risposta legali tiegħu.
4) Ittra mingħand is-Sur Salvu Abela dwar il-kuntratt ta' *Trackless-Train* li huwa kien rebaħ mingħand TM. Huwa talab li jinbidel il-post minn fejn jitgħabbew u jinżlu n-nies. Il-Kunsill iddeċieda li s-Sur Abela għandu jindirizza din it-talba lill-TM.

2.02 Il-Kunsillier Martin Zerafa talab li jiġi nvestigat jekk bankina għall-persuni b'diżabilita' fi Triq il-Luzzu ħdejn il-Baħħara Bar għandiex permess tal-Mepa. Huwa talab ukoll li jsiru tabelli ta' *No Entry* fi Triq il-Luzzu minn ħdejn is-Slipway ħiereġ il-barra mill-Qawra.

2.03 Il-Kunsillier Frank Gauci tkellem dwar l-attivita' *The Wignacourt Tower Festival* li ser issir fis 27 ta' Marzu b'budget ta' 7,000 Euro li ġew mgħotija mid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali u mill-MTA.

2.04 Il-Kunsillier Mario Camilleri irraporta li kienet saret laqgħa tal-Kumitat tal-Affarijiet Soċjali u ġie propost li jiġi rrakomandat li jinħoloq post ta' rifuġju għal persuni li ma għandhomx fejn joqgħodu bħal dak li hemm fil-Belt Valletta u jsir ukoll *24 hour Childcare-Centre.*
Il-Kunsillier Camilleri qal li huwa kien kuntent bix-xogħol li kienet qed twettaq il-*Community Worker.*

Huwa talab ukoll permess biex ikun jista' jressaq proposta tas-Sur Julian Muscat li jixtieq jieħu f'idejh il-latrina pubblika tal-pjazza ta' Bugibba fuq kuntratt ta' ħmistax-il sena u jirranġa u jagħmel l-attrezzi kollha meħtieġa a spejjeż tiegħu. Is-Sur Muscat kien lest li jagħmel ukoll il-

manutenzjoni u jinstalla apparat awtomatiku bħal dak li jeżisti f'latrini barra min Malta. Ġie deċiż li wara li l-Kunsill jieħu f'idejh din il-latrina mingħand il-*Lands Department* tinħareġ sejħa ta' *Expression of Interest.* Kien propost li l-Kunsill jara kif kienet qed titmexxa l-latrina pubblika tal-Belt Valletta li wkoll kienet qed titmexxa fuq sistema simili bħal dik proposta mis-Sur Muscat. Il-Kunsillier Raymond Tabone qal li jekk kien ser jiġi mitlub ħlas għal użu tal-latrina mill-publiku, huwa ma kienx jaqbel ma' din il-proposta.

**3.00 Egħluq tal-Laqgħa.**

Il-Laqgħa spiċċat fis-6.45p.m.

Sindku: Perit Graziella Galea

Segretarju Eżekuttiv: John J. Camilleri.